# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Dicembru, 2015.**

**Rikors Numru 703/2014 SM**

**Wara l-Ittra Ufficjali numru 1878/14**
**fl-ismijiet:**

**Gasan *Enterprises Limited***
**(C – 467)**

**vs.**

**RG Motors Limited**
**(C – 33275)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur tas-socjeta` hawn rikorrenti *RG Motors Limited* datat is-7 t'Awwissu, 2014, li pemezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi kienet notifikata b'ittra ufficjali li permezz taghha s-socjeta` hawn intimata talbet li tirrendi ezegwibbli kwantita` ta' kambjali rigwardanti zewg (2) vetturi minnha lilha mibjugha;

1.2. Illi ir-rikors odjern hu intavolat *ai termini* ta' l-artiklu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk topponi u tissosspendi l-esekuzzjoni ta' l-istess;

1.3. Illi l-kambjali in dizamina kienu jirrigwardaw ix-xiri ta' zewg (2) vetturi kif indikati fl-istess rikors promotur, (ara foll 1);

1.4. Illi hemm parti mill-ammont dovut li ghandu jigi pacut;

1.5. Illi l-ammont mitlub hu eccessiv *stante* li saru diversi pagamenti lis-socjeta` hawn intimata minn dik rikorrenti;

1.6. Illi *di piu`*, wahda mill-vetturi hekk mixtrija ghandha difett mohbi;

1.7. Illi ghalhekk qed titlob is-sospensjoni tal-pagament tal-kambjali *de quo*;

1.8. Illi l-istess ghalhekk soffriet ukoll danni kbar billi tilfet negozju fuq il-vettura in dizamina;

1.9. Illi l-istess vettura ddahhlet ghat-tiswija diversi drabi ghand is-socjeta` hawn intimata, izda dan kien inutli;

1.10. Illi rizultat ta' l-istess is-socjeta` hawn rikorrenti giet imdahhla fi spejjez ulterjuri biex tissostitwixxi l-istess vettura;

1.11. Illi minhabba d-difett mohbi hekk skopert is-socjeta` hawn intimata ma tistax titlob il-hlas tal-kambjali in dizamina;

1.12. Illi in vista tal-premess aderiet din il-qorti biex din:

1.12.1. Tissosspendi l-esekuzzjoni tal-kambjali indikati fl-ittra ufficjali in dizamina, numru 1878/14;

2. Rat id-digriet taghha datat is-7 t'Ottubru, 2015, li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza preliminari fid-data hemm indikata, (ara foll 49);

3.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` hawn intimata Gasan *Enterprise Limited* datata l-11 ta' Settembru, 2014, li fir-rigward sintetikament esponiet is-segwenti:

3.1. Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta` hawn rikorrenti ghandha tigi michuda *stante* li hi kienet notifikata bl-ittra ufficjali *de quo*, fiz-17 ta' Lulju, 2014, u kien biss fis-7 t'Awwissu, 2014, li pprezentat ir-risposta taghha ghall-istess;

3.2. Illi t-terminu hekk riskontrat jeccedi t-terminu perentorju t'ghoxrin (20) gurnata kif stabbilit ghal dan il-ghan fl-artiklu 253(e) tal-Kap fuq citat;

Ikkunsidrat:

4. Illi *stante* li l-procedura odjerna hi limitata ghall-eccezzjoni preliminari hekk sollevata mis-socjeta` hawn intimata, tastjeni, f'dan l-istadju, milli tindirizza l-mertu tal-vertenza u tiddikjara li d-decizjoni odjerna hi ghalhekk limitata u cirkoskritta ghall-vertenza preliminari sollevata;

Ikkunsidrat:

5. Illi in effetti l-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-ligijiet fuq riferiti tistabbilixxi perentorjament li r-rikors tal-parti li tkun trid topponi l-esekuzzjoni tal-kambjali involuti:

> "... ghandu jsir fi zmien ghoxrin (20) jum minn notifika ta' ittra ufficjali li tintbaghat biex tirrendi l-istess kambjala ... esegwibbli ... fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-esekuzzjoni ...";

6.0. Illi fid-dawl tas-suespost ir-rekwisiti meqjusa necessarji biex tigi avallata talba ghas-sospensjoni in dizamina huma sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi jrid jigi intavolat rikors in opposizzjoni ghat-talba kontenuta fl-ittra ufficjali *de quo*;

6.2. Illi l-istess rikors irid jigi perentorjament intavolat fi zmien ghoxrin (20) gurnata minn meta l-parti involuta tkun notifikata bl-istess ittra ufficjali in dizamina;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi f'dan ir-rigward tat-termini involuti jirrizulta s-segwenti:

7.1. Illi l-ittra ufficjali *de quo* kienet intavolata fiz-19 ta' Gunju, 2014, (ara foll 27);

7.2. Illi l-istess kienet notifikata lis-socjeta` hawn rikorrenti fiz-17 ta' Lulju, 2014, meta thalliet f'idejn Rita Galea, (ara foll 28);

7.3. Illi r-rikors oppozitorju jirrizulta li gie intavolat fis-7 t'Awwissu, 2014, (ara foll 1);

Ikkunsidrat:

8. Illi minn ezami ta' l-istess dati involuti ghandu jirrizulta pacifiku li t-terminu perentorju stabbilit mill-artiklu 253(e) tal-Kap 12 fuq riferit, kien issuperat;

Ikkunsidrat:

9. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` hawn rikorrenti issollevat il-fatt li l-imsemmija Rita Galea m'ghandha l-ebda funzjoni ufficjali fis-socjeta` *de quo*;

10. Illi ghandu jinghad, li tali allegazzjoni ma gietx ipprovata lanqas mix-xhieda tad-direttur ta' l-istess socjeta` hawn rikorrenti;

11. Illi l-istess direttur in dizamina isostni fix-xhieda tieghu li l-imsemmija Rita Galea "... mhux awtorizzata biex tiffirma ghalina", (ara foll 42);

12. Illi ghandu jkun pacifiku li meta l-imsemmija Rita Galea irceviet l-ittra ufficjali in dizamina, kull ma ghamlet kien li permezz ta' l-istess azzjoni infurmat lill-awtoritajiet li hi qeghda tircievi l-konsenja tad-dokument *de quo* ghan-nom tas-socjeta` li taghha hi poggiet lilha nnifisha li qed tidher fir-rigward;

13. Illi *di piu`*, l-ebda prova ohra ma trespqet biex tikkonfuta dak stabbilit statutorjament;

Ikkunsidrat:

14. Illi konsegwenza ta' l-istess din il-qorti tqis li n-notifika ta' l-ittra ufficjali *de quo* hi wahda regolari *stante* li altrimenti jinholoq stat ta' incertezza tant nociv, li jista` jippregudika s-sistema tan-notifika fl-interezza taghha, haga li din il-qorti ma tistax tkun partecipi fiha;

Ikkunsidrat:

15.0. Illi konsegwentement tqis li s-socjeta` hawn intimata pprovat l-eccezzjoni preliminari minnha sollevata, u konsegwentement, filwaqt li:

**DECIDE:**

15.1. Takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` hawn intimata;

15.2. Tiddikjara li a bazi ta' l-artiklu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikors promotur hu ghalhekk *fuori termine*;

15.3. Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna hi nulla u bla effett;

15.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` hawn rikorrenti.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**